# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 8 ta' Frar, 2001 .**

**Citazzjoni numru : 260/98G1(PC)**

Francis Pace .

vs

Agnes mart Pawlu Portelli,
Mary Jane mart Alfred Cordina,
Dr. Kevin Mompalao LL.D. li b'degriet tas-26 ta' Jannar, 1999 gie nominat Kuratur Deputat mahtur sabiex jirrapprezenta lill-imsefrin John Pace, Salvu Pace, Joseph Pace, Catherine mart Carmelo Spiteri u Elizabeth mart Michael Bonnici .

**Il-Qorti ,**

**Rat ic-Citazzjoni li permezz taghha l-attur, wara li ppremetta :**

**Illi Carmelo Pace bin il-mejtin Francesco u Giovanna nee' Spiteri, imwieled ix-Xewkija, Ghawdex, miet fl-erbatax (14) ta' Mejju, elf disa' mija sebgha u disghin (1997) kif jidher mic-certifikat tal-mewt tieghu hawn anness (Dok A) :**

**Illi Victoria, armla ta' Carmelo Pace, bint il-mejtin Giuseppe Portelli u Maria nee' Xerri, imwielda x-Xewkija, Ghawdex, mietet fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Lulju elf disa' mija tmienja u disghin (1998) kif jidher mic-certifikat tal-mewt taghha hawn anness (Dok B) ;**

**Illi l-konjugi Carmelo u Victoria Pace u cioe' l-genituri ta' l-attur, iddisponew minn gidhom in forza ta' testment unica charta tas-sebgha (7) ta' April ta' l-elf disa' mija u disghin (1990) fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani u li in forza tieghu hallew lil binhom l-attur Francis Pace il-legittima skond il-ligi (Dok C) ;**

**Illi sussegwentement Victoria Pace irregolat il-wirt u s-successjoni taghha permezz ta' testment iehor li sar fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Jannar ta' l-elf disa' mija tmienja u disghin (1993) fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani u li in forza tieghu halliet il-legittima spettanti lill-attur Francis Pace skond il-ligi (Dok D) ;**

**Illi l-attur irid li tigi assenjata u likwidata l-legittima spettanti lilu mill-assi tal-genituri tieghu Carmelo u Victoria konjugi Pace ;**

**Illi ghal dan il-fini jridu jkunu likwidati l-konsistenza ta' l-assi ereditarji kollha ta' l-istess Carmelo u Victoria konjugi Pace ;**

**Illi l-konvenuti ghalkemm interpellati diversi drabi sabiex jersqu ghal likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-legittima spettanti lill-attur dejjem baqghu inadempjenti .**

**Talab lill-konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:**

1. **Tillikwida l-assi ta' l-imsemmija Carmelo u Victoria konjugi Pace .**
2. **Tillikwida l-legittima spettanti lill-attur skond il-ligi prevja li jsiru l-kollazzjonijiet li eventwalment ikunu necessarji u dana permezz ta' periti li jigu nominati jekk ikun hemm bzonn ;**
3. **Tikkundanna lill-konvenuti jassenjaw lill-attur l-istess legittima n-natura hekk likwidata bil-frutti skond il-ligi ghas-saldo tad-drittijiet tieghu ta' l-assi tal-genituri tieghu Carmelo u Victoria konjugi Pace ;**
4. **Tahtar Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att opportun f'dik id-data, hin u lok li jigu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti, bl-intervent ta' kuraturi li jinhatru sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci .**

**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' Settembru elf disa' mija tmienja u disghin 1998) u tar-rikors ghall-hatra ta' kuraturi ssabiex jirrapprezentaw lill-konvenuti imsiefra pprezentat kontestwalment ma' din ic-citazzjoni .**

**Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni .**

**Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur minnu mahlufa .**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut l-avukat Dottor Kevin Mompalao, nominat b'digriet tas-26 ta' Jannar 1999 sabiex jirraprezenta lill-imsefrin John Pace, Salvu Pace, Joseph Pace, Catherine mart Carmelo Spiteri u Elizabeth mart Michael Bonnici, li eccepixxa :**

1. **Illi huwa ma hux edott ghal fatti in kawza u ghalhekk filwaqt li jirrimetti ruhu ghal provi migjuba, jirriserva illi kemm-il darba jirnexxilu jikkomunika ma' l-assenti minnu rapprezentati, igib eccezzjonijiet ohra fi stadju ulterjuri .**

**alvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .**

**Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenut dottor Kevin Mompalao nomine, minnu kkonfermata bil-gurament .**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Agnes mart Pawlu Portelli u Mary Jane mart Alfred Cordina li eccepew illi:**

1. **Illi huma ma jopponux u qatt ma opponew ruhhom illi tigi likwidata u tithallas il-legittima spettanti lill-attur fuq il-wirt u successjoni tal-genituri tieghu; anzi gia ghamlu offerta lill-attur sabiex issir tali likwidazzjoni liema offerta ma giet pero' accettata .**
2. **Illi ghaldaqstant l-esponenti ma ghandhomx ibatu spejjez ta' din il-kawza .**
3. **Illi l-vertenza principali illi qajjem l-attur kienet illi huwa ma jridx jirrikonoxxi l-legati rimuneratorji imhollija mill-genituri tieghu, u ippretenda illi dawn jigu injorati ghal kollox; kif ukoll ippretenda illi l-legittima tigi kalkolatat billi jittiehdu in konsiderazzjoni anke assi illi ma jiffurmawx parti mill-assi ereditarji – haga li certament ma hux intitolat illi jaghmilha .**
4. **Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .**

**Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti mahlufa minn Mary Jane Cordina .**

**Rat d-digriet taghha tat-8 ta' April 1999 fejn innominat lill-A.I.C. Edward Scerri bhala perit tekniku biex jaghmel stima tal-beni mmobbli li kellhom il-mejtin Carmelo u Vittoria konjugi Pace .**

**Rat ir-relazzjoni ta' l-istess perit tekniku minnu mahlufa fil-25 ta' Mejju 2000 .**

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluz il-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .**

**Ikkunsidrat :**

**Illi din hija talba ghall-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-legittima spettanti lill-attur mill-wirt tal-genituri tieghu . Huwa maghruf illi fil-kalkolu tal-legittima irid jidhol dak kollu li kien jipposjedi d-decujus fl-epoka tal-mewt tieghu, maghdud ma' dak li lahaq iddispona minnu b'titolu gratwitu waqt hajtu . Mir-rapport peritali, bbazat fuq id-dikjarazzjonijiet 'causa mortis' li saru mill-eredi tal-konjugi Pace, jirrizulta li dawn kienu jipposjedu l-beni mmobbli deskritti fl-istess relazzjoni, tal-valur totali li gie stmat mill-perit tekniku fis-somma ta' sittin elf u disa' mitt lira maltija (Lm60,900) . Mill-verbal maghmul waqt l-udjenza tal-25 ta' Mejju 2000 jirrizulta illi l-partijiet, partikolarment l-attur innifsu, kienu sodisfatti bl-istima ta' l-perit tekniku u qablu maghha . Mill-istess relazzjoni peritali johrog ukoll illi dawn il-beni mmobbli mhumiex komodament divizibbli bejn il-partijiet . Irrizulta wkoll illi l-art "ta' Melita" ma gietx identifikata precizament u l-istima taghha giet ibbazata fuq il-kejl moghti u l-inhawi fejn suppost tinstab .**
**Ghalhekk, ghalkemm il-legittimarju skond il-ligi ghandu dritt jinsisti ghall-"pars bonorum" minn dawn il-beni, ghal din ir-raguni ma jibqa' ebda xelta hlief illi jiehu dak li jmiss lilu fi flus .**

**Fin-nuqqas ta' prova kuntrarja, tapplika l-prezunzjoni li dawn il-beni kienu jappartjenu lill-komunjoni ta' l-akkwisti gia ezistenti bejn il-mejtin konjugi Pace . B'hekk jigi illi f'beni immobbli, id-decujus Carmelo Pace kellu nofs il-valur taghhom .**

**Assi ohra jirrizulta biss illi kellu nofs l-ammont fil-kont bankarju Nru. 12405139014 fil-Bank of Valletta, fl-epoka tal-mewt tieghu, u cioe' s-somma ta' sitt mija u sebghin lira maltija (Lm670) li nzammu fl-istess kont bil-kapital "blocked" u l-interessi pagabbli lil-armla tieghu; ara nota tal-konvenuti Agnes Portelli u Mary Cordina tat-2 ta' Frar 2000 . Mill-istess nota pero' jirrizulta illi meta mietet il-mara tigehu, kellhom jitnaqqsu minn dan il-kont diversi spejjez li saru rigward l-ahhar marda u l-funeral ta' Victoria Pace . Dawn l-ispejjez li kollha gew korroborati bl-ircevuti relattivi annessi ma' l-istess nota, thallsu minn dan il-kont ukoll, biex jigi ghalhekk li baqa' fih bilanc ta' mija tmienja u sittin lira u tlieta u disghin centezmu (Lm168.93) . Dawn l-ammonti bl-ebda mod ma gew kontestati mill-attur, u l-Qorti ma ssib ebda raguni ghaliex m'ghandhiex taccettahom bhala validi .**

**Mit-testment 'unica carta' tal-konjugi Pace tas-7 ta' April 1990 in atti Nutar Dr. Paul George Pisani (Doc. C) u specifikament mis-sitt artikolu tieghu, jidher illi d-decujus kellhom ukoll is-somma ta'**

**erbat elef lira illi huma hallew bi prelegat lil uliedhom Salvu u Guzepp ahwa Pace . Fl-assi tal-mejjet Carmelo Pace iridu ghalhekk jidhlu wkoll in-nofs ta' din is-somma u cioe' elfejn lira maltija (Lm2000) .**

**Jigi ghalhekk illi l-assi tad-decujus Carmelo Pace, kien jikkonsisti fis-segwenti :**

**(1) nofs il-beni mmobbli deskritti u stmati mill-peirt tekniku fir-relazzjoni tieghu ;**
**(2) il-bilanc mill-kont bankarju fil-Bank of Valletta, fl-ammont ta' mija tmienja u sittin lira maltija u tlieta u disghin centezmu (Lm168.93) ; u**
**(3) nofs mill-flus prelegati lill-uliedu Salvu u Guzepp, u cioe': elfejn lira maltija (Lm2000) .**

**A tenur ta' l-artikolu 616 tal-Kap. 16, meta jkun hemm hamest (5) itfal jew aktar, u fil-kaz in ezami rrizulta li l-konjugi Carmelo u Victoria Pace kellhom tmint (8) itfal, il-legittima trid tigi kkalkolata fuq nofs (1/2) il-beni tal-mejjet . Billi kif ghedna kien hemm tmint it-tfal, sehem l-attur mill-assi ta' missieru jigi wiehed minn sittax il-parti (1/16) ta' dawn il-beni .**

**Minn naha l-ohra l-assi tad-decujus Victoria Pace jigi li kien jikkonsisti fis-segwenti :**

**(1) nofs mill-beni mmobbli fuq imsemmija; u**
**(2) nofs mill-flus legati lit-tfal taghha Salvu u Guzepp, u cioe' elfejn lira maltija (Lm2000);**

- **biex allura l-legittima spettanti lill-attur fuq l-assi ta' ommu tigi wiehed minn sittax il-parti (1/16) ta' dawn il-beni.**
- **Mit-testment 'unica carta' tal-konjugi Pace, li kien l-ahhar testment li ghamel il-missier, jirrizulta illi l-attur kien l-uniku legittimarju u hutu l-ohra gew nominati eredi . Ghalhekk il-legittima spettanti lilu fuq l-assi ta' missieru Carmelo Pace, ghandha tithallas minn hutu l-ohra kollha, konvenuti jew kif rapprezentati mill-konvenut dottor Mompalao .**

**Victoria Pace ghamlet testment iehor in segwitu ghal dak li kienet ghamel ma' zewgha, u cioe' dak in atti Nutar Dottor Paul Pisani tat-23 ta' Jannar 1993 (Dok. D) fejn innominat bhala eredi taghha lill-uliedha Agnes Portelli u Mary Jane Cordina biss, u ghalhekk il-legittima spettanti lill-attur mill-assi ta' ommu, ghandha tithallas biss minn dawn iz-zewg konvenuti .**

**Ghaldaqstant tiddecidi l-kawza billi :**

1. **tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-assi ta' Carmelo u Victoria konjugi Pace huma dawk il-beni ndikati hawn fuq f'din is-sentenza;**
2. **tilqa' t-tieni talba u tillikwida l-legittima spettanti lill-attur mill-assi tal-genituri tieghu, billi tiddikjara li din tikkonsisti: f'wiehed minn sittax il-parti (1/16) tal-beni mmobbli appartenenti lill-genituri tieghu Carmelo u Victoria konjugi Pace, flimkien ma' wiehed minn sittax il-parti (1/16) tal-flus li irrizulta li kellu missieru u cioe' : Lm135.56 maghdud ma' wiehed minn sittax il-parti (1/16) tal-flus li kellha ommu u cioe': Lm125, b'kollox: mitejn u sittin lira maltija u sitta u hamsin centezmu (Lm260.56) ;**
3. **billi rrizulta illi l-beni mmobbli li kellhom il-konjugi Pace ma' humiex komodament divizibbli, tordna illi dawn ghandhom jinbieghu bis-subbasta, li ghandha tkun miftuha wkoll ghall-pubbliku, sabiex imbaghad mir-rikavat ghandha tigi assenjata wiehed minn sittax-il parti (1/16) lill-attur, halli taghmel tajjeb ghall-legittima fuq il-beni mmobbli spettanti lill-genituri tieghu, u dan flimkien mal-Lm260.56 likwidati in konsiderazzjoni tal-beni mobbli li kellhom il-konjugi Pace.**

**Billi f'kawza ghall-legittima l-attur m'ghandux ibati ebda spejjez u dina ghandha tinghata lilu netta, l-ispejjez tal-kawza prezenti ghandhom jigu ssopportati kwantu ghal nofshom mill-konvenuti kollha bhal eredi ta' missierhom u kwantu ghan-nofs l-iehor mill-konvenuti Agnes Portelli u Mary Jane Cordina bhala eredi ta' ommhom.**

**(ft) Paul Coppini**
**Magistrat .**
**(ft) Francis Attard**
**Deputat Registratur .**

**Vera Kopja**

**Ghar-Registratur .**
**S26098Pc**
1830